MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 77/2013/1

**Fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv numru 77/2013:**

**L-Avukat Dottor Georgine Schembri u Francis Theuma**

**v.**

**John Mary Muscat**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mir-rikorrenti [l-appellanti] minn provvediment moghti mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fl-10 ta' Lulju 2013 li permezz tieghu dik il-Qorti laqghet it-talba tal-intimat [l-appellat] ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru fuq riferit.

**Il-Fatti**

2. Il-fatti rilevanti huma dawn.

3. Fit-23 ta' Mejju 2013 l-appellanti talbu u ottjenew il-hrug tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fuq indikat ghas-somma ta' €3,952.67 rapprezentanti spejjez, drittijiet u VAT ta' zewg kawzi, it-tnejn fl-ismijiet **Anthony Gatt v. Francois Theuma** bin-numri 13/2004 u 47/2004 li marru dezerti fl-4 ta' Marzu 2013, kif ukoll spejjez ohra relatati mal-imsemmi mandat.

4. Fl-10 ta' Gunju 2013 l-appellat talab ir-revoka tal-mandat in bazi ghall-fatt li, wara l-mewt tal-imsemmi Anthony Gatt [allura attur] fil-mori tal-istess proceduri tal-kawzi fuq indikati, ma nghata ebda digriet li permezz tieghu l-appellat gie trasfuz fil-gudizzju tal-kawzi minfloku. Min-naha taghhom l-appellanti jsostnu li, gjaladarba jirrizulta li l-appellat John Mary Muscat huwa l-eredi tal-mejjet Anthony Gatt, allura huwa dahal responsabbli ghad-debiti u passiv iehor tad-decujus.

**Id-Decizjoni Appellata**

5. Illi l-ewwel Qorti laqghet it-talba tal-appellat, allura intimat, u rrevokat il-mandat ta' sekwestru de quo, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.

"…………………… Omissis ……………………

"Illi din hija procedura li saret a tenur ta' l-artikolu 281 tal-Kap 12 liema artikolu fis-subinciz (1) jipprovdi illi: *minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonjiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien*

*mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-Ligi.*

"Illi jehtieg issa li din il-qorti taghmel referenza wkoll ghall-gurisprudenza nostrali sabiex tkun tista' tasal ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni odjerna.

"Illi fid-digriet fl-ismijiet **Edward Pace vs Michael Sultana et**[1] gie ritenut is-segwenti:

'*il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-disposizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li bis-sahha tieghu l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul ta' l-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrenti jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor ta' l-istess Kodici jew xi ligi ohra.*

*Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun 'raguni valida skond il-ligi', li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madanakollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju fl-artikolu 836, li jitkellem dwar mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu tal-kawza prezenti m'huwiex mandat kawtelatorju'.*

"Illi kif intqal fid-digriet fl-ismijiet **Lorraine Calleja vs Patrick Calleja**[2]**,** b'referenza ghall-fuq imsemmi digriet, ghad illi dan il-principju gie enuncjat mill-Prim' Awla tal-

[1] Rik Nru: 287/05JRM moghti fil-5 ta' Mejju, 2005
[2] Avviz Nru: 131/2011GV moghti fid-19 ta' Mejju, 2011

Qorti Civili fir-rigward ta’ l-Artikolu 283A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, li kien l-artikolu tal-ligi li kien jirregola l-proceduri li bihom jigu attakkati atti ezekuttivi qabel id-dhul fis-sehh ta’ l-attwali Artikolu 281 tal-Kap.12, u ghad illi bl-Artikolu 281 id-dritt biex jigi attakkat att ezekuttiv gie estiz ghal kull persuna ohra interessata oltre d-debitur ezekutat u t-termini entro liema tali rikors ghandu jigi notifikat, kontestat u trattat gew varjati xi ftit, il-Qorti hija tal-fehma li l-iskop tal-procedura baqa’ l-istess li kien taht l-Artikolu 283A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk dak enuncjat mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-precitat digriet tal-5 Mejju 2005 japplika ghall-kaz in ezami.

“Illi *tornando* ghall-kaz *de quo* l-ilment tar-rikorrenti Muscat huwa li fil-kawzi li taghhom qeghdin jintalbu l-ispejjez u drittijiet il-gudizzju qatt ma gie trasfuz ghal fuq ismu minflok il-mejjet Anthony Gatt. Ghalhekk l-ilment tar-rikorrent jolqot proprju difett fil-forma.

“Fil-qosor hafna l-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni huma: Anthony Gatt, illum mejjet, kien fetah zewg proceduri – wahda fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri (Cit Nru: 47/2004PC) fl-ismijiet ‘Anthony Gatt vs Francois Theuma’; u Avviz Nru: 13/2004PC fl-istess ismijiet.

“Fil-mori tal-kawza Anthony Gatt miet. Nonostante li r-rikorrent odjern John Mary Muscat ipprezenta rikors quddiem il-qorti li kienet qeghda tippresjedi l-kawzi relattivi ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju minn fuq isem il-mejjet Anthony Gatt ghal fuq ismu peress li sostna li huwa kien l-eredi ta’ Anthony Gatt, dawk ir-rikorsi gew michudin ghar-ragunijiet indikati fl-istess digrieti. Eventwalment dawn iz-zewg kawzi gew iddikjarati dezerti permezz ta’ digriet tat-12 ta’ Marzu 2013.

“L-intimati odjern baghat ittra ufficcjali lil John Mary Muscat. Fit-23 ta’ Mejju 2013 l-intimati ottjenew il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru ezekuttiv.

“Fil-fehma tal-qorti, ir-rikorrenti ghandu ragun. L-argument tal-intimati li ladarba John Mary Muscat huwa l-

eredi u li ladarba accetta l-eredita' ghandu wkoll ihallas ghad-debiti tad-*decujus* awtomatikament minghajr il-htiega ta' ebda proceduri ohra ma jistax jigi accettat fi proceduri bhal dawn. Apparti l-fatt li l-gudizzju qatt ma gie trasfuz ghal fuq isem ir-rikorrenti, issir referenza ghall-artikolu 259 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li r-rikors imsemmi fl-artikolu 258 (ossija l-htiega ta' rikors ghall-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv wara li jkun iddekkorra t-terminu stipulat mill-istess artikolu) *hu dejjem mehtieg, meta l-esekuzzjoni tintalab kontra l-werrieta tad-debitur, ukoll jekk ma jkunx ghadda z-zmien imsemmi fl-imsemmi artikolu.* Kwindi anki fil-kaz li jkun jezisti titolu ezekuttiv il-kreditur ma jistax jottjeni hrug ta' mandati ezekuttivi minghajr qabel ma jkun ottempera ruhu ma' l-artikolu 259 tal-Kap 12. Dan l-artikolu huwa tassattiv fit-termini tieghu."

6. Fir-rikors tal-appell taghhom l-appellanti qed jitolbu li din il-Qorti thassar id-digriet moghti mill-ewwel Qorti, u tiddecidi li t-talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv tigi michuda, bl-ispejjez a kariku tal-appellat.

7. Fir-risposta tieghu l-appellat qed jitlob li l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez irdoppjati, kontra l-appellanti.

**<u>L-Appell</u>**

8. Dan hu bazat fuq erba' aggravji: [1] li l-appellat qua eredi tal-mejjet Anthony Gatt huwa responsabbli ghad-dejn milqut bis-sekwestru; [2] li n-nuqqas tat-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem l-appellat ma tezonerax lill-istess appellat milli jaghmel tajjeb ghal dak dovut minnu qua eredi tad-decujus; [3] li l-Artikoli 258 u 259 ma japplikawx ghal kaz odjern; [4] li l-mandat in dizamina ma kienx fih difett fil-forma, u wkoll ma nharigtx minn qorti zbaljata.

*L-ewwel aggravju u t-tielet aggravju*

9. Dan l-ewwel aggravju gie imfisser hekk:
"… huwa principju legali ben stabbilit li l-eredi tad-decujus jidhlu fiz-zarbun tal-istess decujus u tal-patrimonju tieghu

– kemm fir-rigward ta’ attiv u anki fir-rigward ta’ passiv – u dan sakemm ma jkunx irrinunzja ghal din l-eredita`. Per konsegwenza, l-istess eredi tad-decujus ikunu responsabbli ghal kwalunkwe debiti jew passiv iehor li jkun halla warajh l-istess decujus.”

10. Mill-provi jrrizulta li l-appellat huwa fil-fatt l-eredi tal-mejjet Anthony Gatt, kif ammess minnu wkoll fir-rikorsi maghmula fil-kawzi fuq citati ghar-rijappuntament tal-istess wara li dawn kienu marru sine die. Dan juri li hu kien jaf bil-kawzi, u f’xi zmien kien ukoll wera li ghandu interess fihom, tant li f’wahda minnhom kien ukoll talab it-trasfuzjoni tal-gudizzju.

11. Fit-tielet aggravju taghhom l-appellanti jsostnu li l-Artikolu 259 japplika fil-kaz fejn id-debitur imut wara li jkun hareg l-att ezekuttiv. Ghalhekk dan l-artikolu huwa inapplikabbli fil-kaz odjern, stante li l-att ezekuttiv hareg mill-appellanti wara l-mewt tad-debitur.

12. Din il-Qorti fl-ewwel lok tosserva li, ghalkemm jirrizulta li l-appellat kien talab it-trasfuzjoni tal-gudizzju, din it-talba baqghet ma gietx segwita minnu billi ma pprezentax id-dokumenti rikjesti minnu mill-Qorti. Eventwalment il-kawzi marru dezerti.

13. Rigward l-ewwel aggravju, il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li per regola l-eredi li jaccetta l-eredita` tad-decujus jidhol fiz-zarbun tal-istess kemm ghall-attiv kif ukoll ghall-passiv tal-eredita`, dan ma jezonerax lill-appellanti mill-osservanza tar-regoli procedurali, li huma ta’ ordni pubbliku, kif johorgu mill-Kapitolu 12, senjatament l-Artikoli 258 u 259.

14. In kwantu ghat-tielet aggravju, l-Artikolu 258 jiddisponi li, wara l-eghluq tal-perjodu hemm indikat fil-paragrafi [a],[b] u [c], *“l-esekuzzjoni tista’ ssir biss wara talba magħmula b’rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex lesekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut”.*

15. L-art.259 fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:

"(1) Ir-rikors imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan hu dejjem meħtieġ[3], meta l-esekuzzjoni tintalab kontra l-werrieta tad-debitur, ukoll jekk ma jkunx għadda ż-żmien imsemmi fl-imsemmi artikolu."

16. Mill-premess johrog car li l-fatt li l-appellat dahal responsabbli ghad-djun tal-mejjet Anthony Gatt ma jezonerax lilll-appellanti milli jsegwu din in-norma procedurali li fit-termini taghha hija wiesa b'mod li ma taghmel ebda distinzjoni bejn jekk l-att ezekuttiv kienx hareg qabel jew wara l-mewt tad-decujus. Ghalhekk hija gratuwita u legalment insostenibbli s-sottomissjoni tal-appellanti fit-tielet aggravju taghhom li l-Artikolu 259 "*jaghmel referenza ghal sitwazzjoni fejn ikun inhareg att ezekuttiv kontra debitur li sussegwentement imut".* Din id-distinzjoni ma tirrizultax mill-ligi.

17. Ghalhekk dawn l-aggravji huma infondati.

*It-tieni aggravju*

18. Skont dan l-aggravju l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha ghar-revoka tal-mandat fuq il-fatt li l-gudizzju fiz-zewg kawzi qatt ma gie trasfuz fuq isem l-appellant. L-aggravju jkompli hekk:
"… … … din l-argumentazzjoni fis-sens li, gialadarba ma saritx it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'dawn il-kawzi, l-appellat ma jistax jinzamm responsabbli ghall-ispejjez relatati ma' dawn il-kawzi, ma ssib l-ebda fondament fuq il-fatti ta' dan il-kaz. It-trasfuzjoni tal-gudizzju kienet tkun necessarja li kieku l-kawzi kienu ser jitkomplew u l-appellat ried ikompli bis-smigh ta' dawn iz-zewg kawzi sabiex b'hekk tinghata sentenza definittiva fuq il-vertenzi li kien hemm in ezami. Madankollu, gialadarba dawn iz-zewg kawzi waqghu dezerti, ovvjament minhabba nuqqas ta' interess mill-appellat innifsu, ma kienx assolutament necessarju li ssir xi trasfuzjoni tal-gudizzju.".

[3] Sottolinear ta' din il-Qorti

19. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li l-fatt li ma saritx it-trasfuzjoni tal-gudizzju ghal fuq isem l-appellat ifisser li dan qatt ma kien parti fil-kawza, u ghalhekk, ma setax johrog mandat ezekuttiv wara sentenza li fiha l-intimat mhuwiex indikat bhala parti fil-kawza, jekk ma ssirx il-procedura preskritta fl-Artikolu 259 [1].

20. Inoltre, rigward dak li hemm stipulat fl-Artikolu 810B[4] il-Qorti tosserva li dan ma japplikax ghall-kaz odjern stante li fil-kawzi de quo ma nghatat ebda sentenza, izda z-zewg kawzi marru dezerti, u ghalhekk stante li dawn qatt ma gew decizi ma hemm xejn x'jigi enforzat kontra l-eredi tal-mejjet. Izda din il-Qorti tosserva li anke kieku inghatat sentenza, xorta wahda dan ma jezonerax lill-kreditur tal-eredi mid-dettami tal-Artikolu 259. Kif osservat l-ewwel Qorti, dan l-artikolu hu tassattiv fit-termini tieghu.

21. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*Ir-raba' aggravju*

22. Dan hu fis-sens li ma kien jezisti l-ebda difett fil-forma tal-mandat u dan ma giex prezentat f'qorti zbaljata, u ghalhekk, b'applikazzjoni tas-sentenzi citati mill-ewwel qorti, din ma kellhiex tirrevoka l-mandat.

23. Din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijet taghha maghmula fit-trattazzjoni tal-aggravji precedenti, tosserva li fil-fatt il-hrug tal-mandat huwa difettuz stante li sar bi ksur tal-Artikolu 259 [1] fuq citat. Ghalhekk is-sottomissjoni tal-appellanti li ma kienx hemm difett fil-forma tal-mandat hija manifestament zbaljata.

24. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**<u>Decide</u>**

[4] Dan l-artikolu hu fis-sens li jekk ma ssirx it-trasfuzjoni tal-gudizzju, il-kawza titkompla f'isem il-mejjet *"u kwalunkwe sentenza li tingħata f'tali kawża tkun eżegwibbli kontra l-eredi tal-mejjet"*

Ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------